# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 395/2023/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Miriam Consiglio**

Illum 20 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Miriam Consiglio**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 305771(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bejn il-5 u s-6 ta' Diċembru 2021 ġewwa r-residenza bin-numru 193, Triq il-Kampanella, Fgura:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunat il-mewt ta' Kamil Pawel

Tomaszewksi, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputata għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Ottubru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha u kkundannatha multa ta' erbat elef Euro (€4,000).

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-13 ta' Novembru 2024 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi:* ***1. tirrevoka u tħassar*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti ħatja tal-imputazzjoni fil-konfront tagħha u minflok tiddikjaraha mhux ħatja tal-imputazzjoni dedotta u tilliberaha kompletament skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-23 ta' Diċembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-31 ta' Ottubru 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ għalkemm traġiċi huma relattivament sempliċi b'dana illi l-appellanti kienet tikri kamra fid-dar tagħha

bħala *bed and breakfast*. Jidher li l-vittma Kamil Pawel Tomaszewski kien kera din il-kamra u wasal għal btala tiegħu fil-5 ta' Diċembru 2021. Fil-kamra mikrija lilu jidher li kien hemm *heater* tal-gass. L-appellanti tgħid li mal-wasla tal-vittma hija spjegatlu r-regoli tal-post b'dana illi spjegatlu wkoll kif juża dan il-*heater* tal-gass. Skont ma tgħid l-appellanti hija spjegatlu sabiex ma jżommx il-*heater* mixgħul meta jkun rieqed u jekk iżommu mixgħul jiftaħ il-gallarija. Hija tgħid ukoll li wrietu kif jiftaħ il-gallarija. Jidher li l-vittma ħareġ u ġie lura xi l-10.00pm fejn daħal fil-kamra tiegħu u ma reġax ħareġ. L-għada filgħodu skont l-appellanti hija semgħet l-alarm tal-vittma jdoqq għal darba, tnejn, tlieta u meta ma ratux iqum hija bdiet tinkwieta u marret tħabbat fuq il-bieb iżda ma kien hemm l-ebda risposta. Minbarra dan tgħid li bdiet ixomm riħa ta' gass. Wara li ppruvat tiftaħ il-bieb mingħajr suċċess hija talbet l-għajnuna mingħand l-awtoritajiet. Il-Pulizija fetħu l-bieb u ftit wara daħlu l-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili fejn sabu li l-*heater* kien mitfi iżda n-*knob* tiegħu kien fuq it-tieni livell. Il-vittma nstab mejjet fuq is-sodda.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-

> Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.
>
> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar is-seba' aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha b'dan illi hija tal-fehma li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ aggravji flimkien u dana peress li huma konnessi ħafna.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti tilmenta li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reat addebitat lilha. Tgħid li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha sal-livell rikjest mill-kamp kriminali u tgħid li s-sejbien ta' ħtija tagħha huwa *unsafe and unsatisfactory*.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tagħha l-appellanti tilmenta li s-sentenza appellata fiha numru ta' konstatazzjonijiet żbaljati kemm ta' fatt kif ukoll ta' dritt li għandhom iwasslu għar-revoka tas-sejbien ta' ħtija tagħha. Din l-asserzjoni hija bbażata fuq is-segwenti:

- ***Recall* tal-*heater*:**

Illi l-appellanti tispjega li l-Ewwel Qorti tat piż kbir lill-fatt li l-*heater* provdut minnha kien ġie rtirat mis-suq. Tagħmel riferenza għax-xiehda tal-espert Dr. Daniel Alfred Vella fejn spjega r-raġuni

għalfejn dan il-*heater* ġie rtirat mis-suq u tgħid li għalhekk ma jirriżulta l-ebda rabta bejn ir-raġuni għalfejn il-*heater* ġie rtirat u l-kawża tal-mewt. Tkompli li filwaqt li kien hemm riskju li l-*burners* ma kienux imwaħħla sew bil-konsegwenza li xi ħadd seta' jinħaraq, il-mewt tal-vittma kienet dovuta għal avvelenament ta' gass tossiku. Rigward il-fatt li l-mudell ta' *heater* ġie rtirat mis-suq, l-appellanti tgħid li ma tressqet l-ebda prova li hija kienet taf b'dan. Di piu ssemmi li hija saret taf dwar dan biss wara l-mewt tal-vittma.

- **L-argument tal-Ewwel Qorti li l-appellanti ma setgħetx ma kinitx taf li l-*heater* kien difettuż:**

Illi l-appellanti tikkontesta li hija ma setgħetx ma tkunx taf li l-*heater* kien difettuż. Hija tispjega li ma nġabet l-ebda prova dwar dan u tirrepeti li r-*recall* tal-*heater* sar minħabba li l-*burners* taċ-ċeramika setgħu ma kienux imwaħħlin sew u li fil-każ odjern tali *burners* kienu għadhom imwaħħla sew. Tisħaq li l-*heater* ma kienx difettuż. Rigward il-fatt li t-testjiet li saru fuq il-*heater* ma humiex prova li meta ngħata lill-vittma l-*heater* kien difettuż tgħid li imkien fir-rapport tiegħu l-espert ma ddikjara li l-*heater* kien diġa' difettuż meta ngħata lill-vittma. L-appellanti ssemmi li fix-xiehda tagħha hija tgħid li l-istess *heater* ġieli wżatu hija u t-tfal tagħha u li meta wriet lill-vittma kif juża l-*heater* dan kien jaħdem tajjeb u ma għamilx ħsejjes strambi. L-appellanti tgħid li din il-verżjoni hija korroborata mix-xiehda ta' Alejandro Frechoso li spjega li dan il-*heater* ma kienx jintuża għal dik il-kamra biss u li jgħid li kien informa lill-vittma li ma setax jorqod bil-*heater* in kwistjoni mixgħul. Tkompli li għalhekk meta reġa' inxtegħel il-*heater* dak il-ħin ħadem tajjeb. Rigward il-frak abjad, l-appellanti tgħid li dan instab wara li l-*heater* kien ilu sigħat jixgħel u li meta saru t-testijiet ma ġiex rappurtat li nstabu tali frak jew irmied. L-appellanti tkompli tgħid li la kieku kienet taf li l-*heater* ma kienx qed jaħdem b'mod tajjeb ma kinitx ser tkompli tagħmel użu minnu u lanqas kienet ser tħalli lil uliedha jagħmlu użu minnu.

- **L-argument tal-Ewwel Qorti li l-appellanti kienet konxja tal-periklu tal-użu tal-*heater* tal-gass f'post magħluq u**

**għalhekk kellha tassigura li l-*heater* kien qiegħed jiffunzjona tajjeb:**

Illi dwar dan l-argument, l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti njorat għal kollox li mill-provi jirriżulta li l-vittma njora t-twissija li tawh u ċioè li la kellu jorqod bil-*heater* mixgħul u kellu jivventila. L-appellanti tilmenta li minkejja dawn it-twissijiet, il-vittma xorta għażel li jorqod bil-*heater* mixgħul mingħajr ma jivventila. Tenfasizza li l-inċident kien responsabilita' biss tal-vittma u li l-inċident kien jiġi evitat kieku l-vittma mexa mal-istruzzjonijiet mogħtija lilu.

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li dan l-aggravju appena msemmi huwa wiesa ħafna u jimpinġi fuq l-aggravji l-oħra kollha mressqa stante li sabiex jiġi ndirizzat din il-Qorti trid tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-elementi tar-reat u ċioè jekk l-imġieba tal-appellanti kinitx tali li twassal għas-sejbien ta' ħtija taħt Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Stabbilit dan din il-Qorti sejra tibda bl-istħarriġ tagħha. L-appellanti hija mixlija b'reat taħt Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87)."

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju ssir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Arthur Castillo** (Numru 38/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod **negliġenti** u bħala **konsegwenza diretta** ta' dan l-għemil negliġenti jkun ġie **kkawżat event**

**dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż kien **prevedibbli għalkemm mhux previst**. L-elementi li jsawwru dan ir-reat kienu elaborati fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** deċiż nhar l-4 ta' Frar 1961 fejn ġie ritenut is-segwenti:

> *"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodiċi Penali illi **tirrikorri kondotta volontarja negliġenti** – **konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew nuqqas ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawżalita' minn event dannuż involontarju**."*

[...]

F'dan il-punt il-Qorti tixtieq telabora wkoll fuq il-kunċett tal-***contributory negligence***. Din il-Qorti jeħtieġ li tistħarreġ ukoll jekk setgħetx il-vittma stess tikkontribwixxi għall-fatalita' tagħha u **jekk tali kontribut kienx tant b'saħħtu li jannulla kwalsiasi forma ta' kolpevolezza tal-appellant** jew inkella kienx fi grad tali li n-ness bejn l-aċċident in kwistjoni u l-ommisjoni tal-appellant ma jkunx jista' jiġi hekk imxejjen. Huwa paċifiku illi din it-tip ta' negliġenza ma teżonerax lill-appellant mir-responsabbilta' penali taħt l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jekk din in-negliġenza ma tkunx il-kawża unika tal-aċċident in kwistjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lorenza Dimech**[1] kien ġie ritenut hekk:

---

[1] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ġunju, 2022."

> *"Il-"contributory negligence" ma teżonerax li dak li jkun mir-responsabilta' kriminali jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru. (App. Krim.* ***Pul. vs. P. Vassallo****; Kollez. Vol. XXXVIII, p. 883 u oħrajn). F'sede Kriminali kull ħadd iwieġeb għall-aġir tiegħu, ammenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament għal ħtijiet da parti ta' terzi. (App. Krim.:* ***Pul. vs. Gaetano Schembri, 16.3.61; Pul. vs. John Polidano, 3.11.63; Pul. vs. Rev. C. Mifsud, Kollez. Vol. XXXVII, p.1131 u oħrajn****)."*

Di piu', fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa**[2] ġie ritenut hekk:

> *"Din il-Qorti eżaminat bl-akbar reqqa l-proċess kollu, iżda sempliċiment ma tistax taqbel ma l-appellant. Kif inhu risaput, in tema ta' responsabbilta' kontributorja, il-fatt li ħaddieħor (f'dan il-każ il-vittma stess) ikun ukoll negliġenti ma jġibx fix-xejn ir-responsabbilta' tal-appellant, basta, naturalment,* ***li jkun hemm effettivament negliġenza da parti ta' l-appellant u li din in-negliġenza kienet kawża effiċjenti, għall-anqas in parti, tal-mewt kaġunata*** *(ara, fost oħrajn,* ***Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi App. Krim. 26 ta' Frar 2001****).""*

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Camilleri et** (Numru 146/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "59. Il-Liġi Maltija għażlet li ma tatix tifsira legali lit-terminu "negliġenza". Għażlet li tirrendi ċerti atti jew imġieba speċifika bħala passibbli kriminalment jekk imwettqa b'mod "negliġenti". Il-ġurisprudenza minn

---

[2] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Mejju, 2005."

naħa tagħha qieset in-"negliġenza" bħala dik l-assenza ta' kura u prekawzjonijiet li persuna ordinarja tkun mistennija li tieħu meta twettaq atti volontarji speċifiċi. Il-Liġi tippreskrivi ċirkostanzi, atti, imġieba jew stati mentali li għandhom jitqiesu negliġenti meta jivverifikaw ruħhom. Hekk, per eżempju l-artikoli 225 jew 328 tal-Kodiċi Kriminali jimmanifestaw il-kunċett tan-negliġenza fit-twettieq ta' mġieba speċifika volontarja li tkun magħmula b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.

60. Il-Liġi Maltija tinkludi fl-ambitu tat-tifsira tan-negliġenza kemm atti omissivi partikolari (ad eżempju nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti) kif ukoll stati mentali speċifiċi (nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni) u li jridu allura jakkumpanjaw is-seħħ tal-event dannuż. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li xi wieħed jew iżjed minn din l-imġieba jew dawn l-istati mentali partikolari jkunu jeżistu biex jikkwalifikaw bħala negliġenti l-att volutament imwettaq mill-awtur tiegħu u li jikkawża l-event dannuż.

61. Il-ġurisprudenza maġġoritarja Maltija tisħaq fuq il-ħtieġa li biex jitqies integrat ir-reat kolpuż trid tirriżulta l-prevedibbilita' tal-event dannuż da parti tal-awtur tal-att inkriminat. Fil-każ tar-reat kolpuż, l-awtur tal-att ma jkunx irid li jwettaq l-event dannuż; jew li bl-att tiegħu jseħħ l-event dannuż. Iżda jrid jirriżulta li huwa setgħa jipprevedi dak l-event dannuż bħala konsegwenza tal-att imwettaq minnu (kieku kien moħħu hemm u attent fit-twettieq tal-att tiegħu). Il-Qorti trid tistabbilixxi l-possibilita' li l-awtur jara bil-quddiem l-event dannuż li huwa wettaq bl-att tiegħu, anke jekk ma riedx li dan l-event dannuż iseħħ. L-awtur tal-att jitqies li kien negliġenti meta huwa jonqos milli jipprevedi dak l-event dannuż fejn dak l-istess event dannuż kien prevedibbli

minnu (li kieku kien moħħu hemm, attent fl-għemilu, prudenti, viġilanti eċċetra).

62. Il-kejl li bih il-Qorti tkun trid tistħarreġ dan il-grad ta' prevedibbilita' tal-event dannuż, u allura jekk u safejn l-awtur tal-att setgħax, messux u kellux jara bil-quddiem dak l-event dannuż, jistrieħ fuq il-grad ta' kura u prudenza li huwa raġonevolment meħtieġ minn persuna ta' prudenza ordinarja fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Huwa dak il-grad meħtieġ mill-**bonus paterfamilias**, ossija dik il-persuna raġonevolment prudenti. L-analiżi ta' dan il-grad ta' kura u prudenza jesiġi stħarriġ tal-fatti f'kull każ partikolari b'mod dettaljat.

63. Inotre, il-ġurisprudenza Maltija teħtieġ ukoll li jiġi pruvat li jkun hemm dik ir-rabta diretta kawżali bejn l-aġir negliġenti u l-event dannuż. B'hekk jekk l-aġir negliġenti imputat lill-awtur tal-att ma jkunx kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, huwa ma jkunx jista' jitqies penalment responsabbli. Kawża prossima u effettiva tal-event dannuż ma tfissirx li trid tkun unika. Iġifieri jista' jkun hemm diversi kawżi li jwasslu għal event dannuż u li jistgħu wkoll ikunu attribwibbli għal atti mwetqa minn diversi persuni. Dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit li l-att kien tali li jista' jitqies kawża prossima u effettiva tal-event dannuż – anke jekk ma tkunx il-kawża prinċipali jew unika tal-event dannuż. Bosta drabi jiġri li event dannuż ikun ir-riżultat ta' diversi atti kommissivi jew omissivi attribwibbli lil iżjed minn persuna waħda u li bħala riżultat tal-kontribuzzjoni kumulattiva tagħhom kollha flimkien jiddeġeneraw f'event dannuż.

64. Għalhekk il-fatt li l-event dannuż ikun riżultat ta' pluralita' ta' atti kommissivi jew omissivi ta' persuni differenti ma jeħilsux mir-responsabilita' penali lil dak l-awtur ta' att li jirriżulta formanti parti minn dik il-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż. Semmai kull

> wieħed minn dawk l-awturi ta' atti singoli varji kontributorji, b'effetto domino li jiddeġenera fil-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, ikun irid jirrispondi għall-att kommissiv jew omissiv tiegħu. Ir-responsabilita' penali ta' kull awtur speċifiku tkun trid tiġi mistħarrġa fil-meriti tagħha indipendentement mir-responsabilita' penali tal-komparteċipi potenzjali korresponsabbli l-oħra. Il-Qorti mbagħad għandha s-setgħa – u d-dmir – li tieħu kont u qies tal-grad ta' dik il-kontribuzzjoni meta tiġi biex tiddetermina l-entita' tar-responsabilita' individwali ta' kull awtur singolu skont kif ikun jirriżulta fil-każ partikolari meta tiġi biex terogalu s-sentenza xierqa."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċitat hawn fuq u tagħmlu tagħha u tapplikah għal dan il-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza. Fir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri (Dok. "MS" – *a fol.* 75 *et seq.* tal-Process Vebal*)* jirriżulta li l-kawża tal-mewt tal-vittma kienet dik ta' *carbon monoxide poisoning*. Dr. Scerri jgħid ukoll li l-vittma kien ilu mejjet madwar għaxar sigħat mill-ħin tal-eżami mediko-legali u jgħid li huwa wasal fuq il-post in kwistjoni fil-11.30am (*a fol.* 78 tal-Process Verbal).

Illi mir-rapport tal-espert tekniku Dr. Daniel Alfred Vella (Dok. "DV" – *a fol.* 102 *et seq.* tal-Process Verbal) jirriżulta li l-kawża tal-*carbon monoxide poisoning* kien il-*heater* tal-gass li kien hemm fil-kamra tas-sodda mikrija lill-vittma. Mill-istess rapport jirriżulta wkoll li l-marka ta' *heaters* in kwistjoni kienet ġiet irtirata mis-suq f'Ġunju 2019. Dr. Vella jasal għas-segwenti konklużjonijiet, fost l-oħrajn (*a fol.* 120 *et seq.* tal-Process Verbal):

> "Minn testijiet li saru fuq il-*gas heater* irriżulta li dan ma kienx qed jaħdem sew. Il-*burners* taċ-ċeramika tal-*gas heater* kienu jidhru jixgħelu sew imbagħad, minuti wara u b'mod erratiku, l-*burners* jintfew u l-fjamma tibqa' tinħaraq mal-parti ta' fuq tal-*burners* bir-riżultat li l-ħarqa tkun inkompleta. Meta l-gass jinħaraq hekk jibda jifforma l-*carbon monoxide*. L-esponent ma jistax jgħid

> jekk il-*gas heater* kienx mgħammar b'sistema li taqta' l-fluss tal-gass fil-mument li l-*gas heater* jaħdem ħażin. Jekk dan il-*heater* kellu din is-sistema; din falliet.
>
> […]
>
> F'Ġunju tat-2019, il-*Malta Competitions and Consumers Affairs Act* (MCCAA) ħarġet avviż lill-pubbliku biex min kien xtara *gas heater* tal-għamla Simba NY-F138, jiġifieri l-istess għamla u mudell tal-*gas heater* li ħasad il-ħajja ta' Kamil Pawel Tomaszewski, jieħdu 'lura minn fejn kien xtrah. L-irtirar tal-prodott skatta wara li xi ħadd mill-pubbliku rrapporta mal-MCCAA li l-*burners* taċ-ċeramika ma kinux imwaħħlin f'posthom bil-konsegwenza li xi ħadd seta' jweġġa' serjament jekk xi *burner* jinqala' waqt li jkun mixgħul. Fl-avviż tagħha l-MCCAA spjegat ukoll kif il-*gas heater* ma kellux imniżżel fuqu d-dettalji tal-manifattur u li l-marka tas-CE ma kienitx skont ir-regoli Ewropej u <u>għalhekk l-*gas heater* seta' kien perikoluż</u>." [emfażi miżjuda]

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, mid-depożizzjoni mogħtija mill-appellanti allura imputata quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 73 *et seq.*) u mid-depożizzjoni mogħtija mis-sieħeb tagħha Alejandro Frechoso (*a fol.* 96 *et seq.*) jidher li huma kien jagħmlu użu anke personali mill-*heater* in kwistjoni u skont huma kien jaħdem tajjeb. Din il-Qorti iżda tinnota wkoll li Alejandro Frechoso jispjega kemm kien ilu fil-kamra in kwistjoni l-*heater* fejn jgħid hekk (*a fol.* 99):

> "This *heater* was in different places in our house, I do not remember exactly how long it was in the room, maybe it was eight months, one year, because it was in other places in our house."

Illi minn dan jidher li l-familja tal-appellanti kienet ilha ma tagħmel użu minn dan il-*heater* għal xi żmien. Dan fil-fehma ta'

din il-Qorti juri nuqqas ta' ħsieb minn naħa tal-appellanti li forniet il-*heater* in kwistjoni meta kienet ilha ma tużah hija u għalhekk setgħet ma kinitx konxja tad-degrad tiegħu.

Illi stabbilit dan irid jiġi determinat jekk il-kondotta tal-appellanti kinitx negliġenti u jekk hemmx ness bejn tali kondotta u l-mewt tal-vittma. Minn naħa l-oħra jrid jitqies ukoll jekk il-kondotta tal-vittma kinitx tali li tiskolpa lill-appellanti. Rigward dan din il-Qorti tibda billi tinnota li fis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellanti ma setgħetx ma tkunx taf li l-*heater* kien difettuż (*a fol.* 113). Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-punt jirriżulta suffragat minn dak li jgħid l-espert Dr. Daniel Vella waqt id-depożizzjoni tiegħu meta quddiem l-Ewwel Qorti xehed hekk (*a fol.* 64):

> "Kien hemm ammont ta' trab abjad ta' din il-kolla taċ-ċeramika. Jiġifieri l-*burners* jitwaħħlu fil-post *with some material*. Dak il-materjal jidher li *as time passed*, beda jispiċċa. Issa jista' jkun li. kien qed jispiċċa wkoll, ma nistax ngħid jien għax meta l-*burner* qed jaqbad u qed jaqbad ħażin, dan il-gass jibda jċaqlaqlek dan il-materjal u jibda jaqa'. Fil-fatt kien hemm dan il-materjal fin li kien qed jiddeposita fuq il-biċċa ta' fuq tal-*burner* jiġifieri – u jien indunajt meta xegħelt il-*burner*, il-ħarqa kienet qed titla 'l fuq. Suppost jinħaraq fil-punt fejn għandek il-*burner*. Il-*pilot light* taqbad u mbagħad issaħħanlek iċ-ċeramika u jibda jaqbad. Ma kienx qed jiġri hekk wara about 8 minutes, il-*pilot light* titħarbat u l-ħarqa titla, taqbadlek fuq il-parti ta' fuq, mhux b'mod uniformi. U jibda jagħmel ħsejjes ukoll."

Illi tenut kont tal-fatt li l-*heater* in kwistjoni kien akkumula fuqu ammont ta' trab abjad, liema ammont ma kienx tali li jiġi akkumulat biss fi ftit sigħat ta' użu, jikkonsegwi allura li dan it-trab abjad ġie depożitat qabel ma ntuża mill-vittma. Għalhekk jidher li l-malfunzjonament tal-*heater* ma kienx xi ħaġa reċenti. Anke il-konsum tal-kolla huwa ndikattiv ta' ċertu degrad tal-*heater* in kwistjoni.

Illi għalhekk l-użu ta' *heater* tal-gass li ma kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni diġa' di *per se* huwa indikattiv ta' negliġenza da parti tal-appellanti. Magħdud ma' dan, jirriżulta element ieħor li ħasseb ferm lil din il-Qorti u ċioè dak li jgħid Dr. Daniel Vella waqt id-depożizzjoni tiegħu meta qal is-segwenti (*a fol.* 60):

> "*Heater* tal-gass irrispettivament jkollux *sticker* jew le, qatt ma għandu jiġi magħluq ġo kamra. Qatt ma għandek *heater* tal-gass li tħaddmu u jkollok il-kamra magħluqa għax dejjem hemm riskju."

Illi fi kliem ieħor dak li jgħid Dr. Vella huwa li irrispettivament mill-avviżi li wieħed jista' jagħti, tali *heater* qatt ma għandu jitħaddem ġo kamra magħluqa (bħal ma *del resto* kien fiha l-vittma).

Illi jidher li l-appellanti kienet ben konxja tar-riskju tal-*heater* tant huwa hekk li waqt id-depożizzjoni tagħha mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 73 *et seq.*) hija tgħid li rrepetiet numru ta' drabi r-regoli dwar kif jintuża' l-*heater*. Il-kwistjoni hija li tali *heater* hekk kif jispjega Dr. Vella ma kellu qatt ikun f'dik il-kamra tas-sodda.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq jirriżulta li l-appellanti kienet negliġenti fl-imġieba tagħha meta attrezzat il-kamra tas-sodda minnha mikrija bil-*heater* tal-gass in kwistjoni. Apparti minn dan, meta hija offriet *heater* tal-gass li kien difettuż u tali difetti setgħu jiġu nnutati anke viżivament, hekk kif spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, ġie kkreat in-ness bejn il-mewt tal-vittma u l-event dannuż. Magħdud ma' dan hemm il-kwistjoni tal-fatt li l-mudell tal-*heater* tal-gass tal-każ odjern ġie rtirat mis-suq permezz ta' ordni tal-MCCAA, hekk kif jirriżulta ampjament mill-atti proċesswali. Ir-raġuni primarja tal-fatt li dan il-prodott ġie rtirat mis-suq ma huwiex neċessarjament marbut direttament mal-kawża tal-mewt. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li fl-*e-mail* mibgħuta fil-21 ta' Diċembru 2021 minn Charles Tanti (Senior Technical Officer fi ħdan l-MCCAA) jingħad hekk (*a fol.* 126 tal-Proċess Verbal):

> "Based on the above the product could not be proven to have undergone the required controls and hence could be a potentially unsafe product apart from the complaint where the detachment of the burners from the heater body occurred more than once apparently."

Illi minn qari ta' dak appena ċitat jirriżulta li r-raġuni diretta tal-irtirar mis-suq mhijiex l-istess tal-fatt li kien il-kawża tal-mewt tal-vittma fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Għalkemm potenzjalment hemm tali ness stante li dak li jgħid Charles Tanti huwa li jista' jkun li ma sarux il-kontrolli neċessarji fuq il-prodott pero' minħabba li ma tiġix speċifikata tali raġuni din hija spekulazzjoni u fil-qasam legali, speċjalment dak kriminali, l-ispekulazzjonijiet ma għandhomx lok.

Illi dwar dak imressaq fit-tieni aggravju tal-appellanti, din il-Qorti tinnota fil-konsiderazzjonijiet tagħha msemmija hawn fuq hija diġa' esprimiet ruħha dwar in-ness bejn l-irtirar tal-prodott u l-kawża tal-mewt tal-vittma.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li l-Ewwel Qorti ma sejsietx ir-raġunament tagħha biss fuq il-fatt li l-mudell ta' *heater* ġie rtirat mis-suq. Anzi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-emfażi tal-Ewwel Qorti tirrigwarda aktar il-fatt li l-appellanti naqset milli tforni *heater* sigur.

Illi rigward il-kundizzjoni prekarja tal-*heater*, din il-Qorti ukoll diġa' esprimiet ruħha u għalhekk sabiex tevita ripetizzjonijiet inutili sejra *mutatis mutandis* tapplika dak li qalet preċedentement aktar 'il fuq f'din is-sentenza għal dan l-argument. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tirrimarka li l-istat tal-*heater* in kwistjoni juri li ma kienx fi stat ta' manutenzjoni tajjeb. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-fatt li ma hemmx prova li l-*heater* kien difettuż. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li dan joħroġ mid-dinamika tal-avveniment u dana *stante* li meta ġie wżat l-ewwel darba mill-vittma huwa tilef ħajtu bħal riżultat dirett tal-ħsara li kellu.

Illi kien jinkombi fuq l-appellanti li tara li l-*heater* in kwistjoni kien jaħdem b'mod tajjeb speċjalment tenut kont tad-deterjorament viżiv tiegħu. Il-fatt li l-*heater* ħadem tajjeb meta ġie muri lill-vittma ma jipprova xejn stante li anke meta saru t-testijiet irriżulta li għal bidu l-*heater* kien jaħdem tajjeb u kien biss wara li għaddew xi ftit minuti li dan beda jaħraq il-gass b'mod ħażin. Għalhekk jaf tkun tfietu qabel ma beda jaħdem ħażin. Fatt dan li seta' faċilment qarraq bl-appellanti u li jiddeponi favur l-involontarjeta' tagħha iżda ma jiskużahiex u dana speċjalment tenut kont tal-fatt li l-*heater* kien ilu ma jintuża mill-appellanti għal numru ta' xhur.

Illi għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq f'din is-sentenza lanqas huwa ta' fejda l-argument imressaq mill-appellanti dwar it-trab abjad. Il-kolla ma tittikilx bi ftit sigħat ħidma.

Illi dwar l-ilment l-ieħor imressaq mill-appellanti fit-tieni aggravju, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li tgħid l-appellanti u ċioè li l-Ewwel Qorti njorat il-fatt li huma wissew lill-vittma li min jeddu ddeċieda li jinjora tali twissija. Kien ikun hekk kieku l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx ir-responsabilita' kontributorja tal-vittma.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji in eżami jsegwi li dawn iż-żewġ aggravji ser jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tagħha l-appellanti tilmenta li sabiex tinstab il-ħtija tagħha kellu jiġi ppruvat li hija kellha kondotta volontarja negliġenti. Tgħid li l-kondotta tagħha kellha tirriżulta f'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew ħila u li ma aġixxietx bħala *bonus pater familias.* Dwar dan l-appellanti tirreferi għax-xiehda tagħha fejn spjegat dak li qalet lill-vittma. Tkompli li mill-provi jirriżulta li filgħodu hija semgħet l-alarm tal-vittma jdoqq tliet darbiet u nkwetat li seta' ġaralu xi ħaġa u li meta marret tħabbatlu ma rċevietx risposta u lanqas setgħet tiftaħ il-bieb u li għalhekk hija ċemplet lill-awtoritajiet kompetenti. Tisħaq li tenut kont ta' dan

hija ma aġixxietx b'imperizja, imprudenza jew negliġenza. L-appellanti tgħid li hija spjegat fuq li spjegat kif kellu jintuża l-*heater* in kwistjoni u li meta nnutat li xi ħaġa kienet ħażina hija mill-ewwel ippruvat tħabbat u tiftaħ il-bieb u li meta dan ma kienx possibbli talbet mill-ewwel l-intervent tal-awtoritajiet.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal kunsiderazzjonijiet li saru minnha fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji tal-appellanti u tapplikahom hawn *mutatis mutandis* biex b'hekk anke t-tielet aggravju tagħha qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju tagħha l-appellanti tilmenta dwar il-prevedibilita' tal-akkadut minn naħa tagħha u tispjega li kemm hija kif ukoll Alejandro Frechoso wissew lill-vittma dwar il-fatt li ma kellux jorqod bil-*heater* mixgħul u li kellu jivventila. L-appellanti tgħid li ma setgħetx tobsor li minkejja dawn it-twissijiet raġel adult kien ser jinjorahom.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tirriafferma dak li qalet aktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji u tapplikah hawn. Dwar il-kwistjoni tal-prevedibilita' tal-inċident jirriżulta anke mid-depożizzjoni tal-espert Dr. Daniel Vella u li ġiet kwotata aktar 'il fuq f'din is-sentenza li *heater* bħal dak li kkawża l-inċident odjern ma għandux postu f'kamra magħluqa. Jikkonsegwi għalhekk li meta inti tpoġġi ruħek f'sitwazzjoni ta' riskju trid iġorr ir-responsabilita' ta' tali riskju meta l-affarijiet imorru ħażin.

Illi jirriżulta li t-twissija mogħtija lill-vittma ttieħdet in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti tant li l-kondotta tal-vittma tqieset bħala element kontributorju fit-traġedja odjerna b'dan illi n-nuqqas tal-appellanti li tagħmel verifika ikkurata tal-*heater* in kwistjoni jegħleb l-effett tat-twissija meta titqies fil-kuntest ta' imġieba negliġenti. Isegwi għalhekk li l-aggravju in eżami ma jistħoqqlu l-ebda akkoljiment bil-konsegwenza li qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-<u>ħames aggravju</u> tagħha l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet l-aġir traskurat tal-vittma iżda ddeċidiet li dan ma jeżonerahiex mir-responsabilita′ kriminali. Tgħid li dan il-każ kien proprju każ fejn il-vittma aġixxa b′imperizja negliġenza u imprudenza u dana peress li persuna ta′ intelliġenza normali ma kienx ser jinjora t-twissija. Tispiċċa billi tgħid li għal dan l-inċident kien jaħti biss il-vittma.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti ma għandhiex x′iżżid ma dak li qalet taħt l-aggravji preċedenti b′dan illi dak li ngħad minnha dwar l-aggravji preċedenti għandu jiġi applikat ukoll fir-rigward tal-ħames aggravju bil-konsegwenza li l-ħames aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-<u>sitt aggravju</u> l-appellanti tisħaq li l-intenzjoni tal-vittma li jinjora r-rakkomandazzjonijiet mogħtija toħroġ ċara minħabba l-fatt li minkejja li kienet lejla xitwija huwa għażel li jorqod biss bil-*boxers* u li għalhekk huwa kien ser iżomm il-kamra tas-sodda sħuna f′lejla xitwija u biex jagħmel hekk huwa ma kienx sejjer jivventila u dana bil-konsegwenza li qatt ma seta jevita l-event dannuż.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tisħaq li minkejja kull ma għamel il-vittma (li tiegħu huwa ħallas l-ogħla prezz) kien jinkombi fuq l-appellanti li tara li l-*heater* kien fi stat tajjeb ta′ manutenzjoni. Magħdud ma′ dan, din il-Qorti ftit li xejn għandha xi tgħid, ħlief li in vista ta′ dak li qalet taħt l-aggravji preċedenti dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-<u>seba′ aggravju</u> tagħha l-appellanti targumenta li l-inċident seħħ minħabba *casus* u mhux *culpa* u li madanakollu anke jekk hija

*culpa* dan huwa każ ta' *culpa levissima* u għalhekk mhux raġuni suffiċjenti sabiex tinstab il-ħtija tagħha.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tirrimarka li diġa' esprimiet ruħha aktar 'il fuq dwar il-fatt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-elementi rikjesti għar-reat taħt Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha fis-sentenza appellata. Tenut kont ta' dan isegwi li anke l-aħħar aggravju tal-appellanti jistħoqq li jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Miriam Consiglio u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**